# QORTI ĊIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sittax (16) ta' Mejju 2023**

**Rikors Numru 290/2023 FDP**

Fl-ismijiet

**Grazio Borg [ID. 36276M]**

**Vs**

**Christ Scerri [ID. 222392M]**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 20 ta' Marzu 2023, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

> *1. Illi l-esponent kien irrenda lill-konvenut Christ Scerri, servizz ta' trasport relatata mal-Casino NETENT, għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2017 sas-26 ta' Ġunju 2017, ta' liema servizz il-konvenut kellu jħallas lill-esponent is-somma ta' disa u għoxrin elf, mitejn u sebgħa u erbgħin ewro (€29,247);*
>
> *2. Illi l-konvenut ma kienx f'pożizzjoni li jħallas dina s-somma kollha f'daqqa, u għalhekk bi skrittura ffirmata bejn il-kontendenti nhar is-6 ta' Lulju 2017 l-intimat kien iddikjara lilu nnifsu bħala veru, ċert u likwidu debitur lejn l-esponent fl-imsemmija somma ta' €29,247, u obbliga ruħu li jħallas lill-esponent f'pagamenti mensili ta' ħames mitt ewro (€500), mingħajr imgħax, iżda bl-intiża illi jekk huwa jonqos minn tlett pagamenti jew ammont ekwivalenti huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u kwalsiasi bilanċ jiġi dovut kollu f'daqqa u jibda jiddekorri l-imgħax tat-8% b'effett mid-data ta' l-iskrittura [Ara Dok "A" hawn unit];*

2. *Illi l-intimat effettwa pagamenti in akkont kif dehrlu hu iżda mhux skond il-ftehim milħuq tant li waqgħa lura f'diversi ħlasijiet skond il-ftehim u għad baqagħlu*

*bilanċ ta' tnejn u għoxrin elf u sebgħa u erbgħin ewro (€22,047), dana kif jidher mill-annessa skeda ta' pagamenti [Ara Dok. "B" hawn unit], bir-riżultat illi l-intimat tilef il-benefiċċju tat-terminu li kien ġie lilu konċess bl-imsemmi ftehim u l-imsemmi bilanċ jinsab dovut kollu f'daqqa b'dana ukoll li beda jiddekorri l-imgħax tat-8% mis-6 ta' Lulju 2017, id-data tal-ftehim;*

*4. Illi l-esponent interpella lill-intimat kemm bonarjament b'ittra tas-7 ta' Jannar 2023 [Dok. "C" hawn unit], u kif ukoll b'ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Frar 2023 [Dok. "D" hawn unit] biex iħallas il-bilanċ minnhu dovut iżda dan baqa' inadempjenti;*

*5. Illi fil-fehma ta' l-esponent il-bilanċ ta' €22,047 dovut mill-intimat huwa ċert, likwidu u dovut, u dan huwa wieħed mill-każijiet kontemplat mill-Artikolu 167 (1)(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fejn il-Qorti tista' tgħaddi biex tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, u għal dan il-għan l-esponent qed jiddikjara u jikkonferma ukoll b'affidavit illi fil-fehma tiegħu l-intimat ma għandux eċċezzjonijiet validi xi jressaq [Ara Dok. "C" hawn unit].*

*6. Illi l-esponent jikkonferma ukoll illi l-fatti hawn fuq imsemmija huma a konoxxenza tiegħu personalment.*

*Jgħid għalhekk l-konvenut il-għaliex ma għandhiex dina l-Qorti, għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna fosthom li l-intimat tilef il-benefiċċju tat-terminu:-*

1. *Tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-esponent is-somma ta' tnejn u għoxrin elf u sebgħa u erbgħin ewro (€22,047) rappreżentanti bilanċ ta' somma akbar u li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu, dana skond l-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet [Dok. "A"].*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra bonarja tas-7 ta' Jannar 2023, u ta' l-ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Frar 2023, u bl-imgħax legali mis-6 ta' Lulju 2017, data ta' l-iskrittura, kontra l-intimat minn issa nġunt biex jidher personalment għas-subizzjoni.*

3. Rat illi fl-4 ta' April 2023, il-Qorti appuntat il-kawża għas-smiegħ għall-15 ta' Mejju 2023.

4. Rat illi fil-5 ta' Mejju 2023, l-intimat ġie notifikat bl-atti tal-każ.

5. Rat illi fil-15 ta' Mejju 2023, l-intimat deher u, bil-ġurament tiegħu, ammetta illi l-ammont mitlub huwa dovut filwaqt illi stqarr illi kellu bżonn ftit aktar ħin sabiex iħallas l-ammont dovut.

6. Rat illi, wara tali ammissjoni, il-partijiet qablu illi l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza fuq ammissjoni.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet l-ammissjoni ta' l-intimat;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement;

**Tikkundanna** lill-konvenut, Christ Scerri, iħallas lir-rikorrent Grazio Borg, is-somma ta' **tnejn u għoxrin elf u sebgħa u erbgħin ewro (€22,047)** rappreżentanti bilanċ ta' somma akbar kif fuq aħjar deskritt.

Bl-imgħax legali mis-6 ta' Lulju 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra bonarja tas-7 ta' Jannar 2023 u ta' l-ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Frar 2023.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**